# MONS GUZEPPI DE PIRO

Mons. Guzeppi De Piro twieled l-Imdina, fit- 2 ta' Novembru 1877, f'waħda mill-familji l-aktar nobbli ta' Malta. Wara l-ewwel edukazzjoni tiegħu fid-dar tal familja, hu għadda għall-liċeo minn fejn għamel il-Matrikola. Fl-1894 huwa beda kors tal-liġi. Imma ma spiċċahiex għax fit-8 ta' Mejju 1898, waqt li kien qiegħed fil-Knisja tal-Gizwiti, il-Belt, għas supplika tal-Madonna ta' Pompey, hu ddeċieda fuq dak li tant kien ilu jtella u jnizzel, is-saċerdozju. Hu qasam din ix-xewqa ma ommu li berkitu u nkorraġietu bis-sħiħ. F' dik l-istess sena mar Ruma biex jibda l- Filosofija u t-Tejoloġija. Qaddes fil 15 ta' Marzu 1902. Wara mar l-Isvizzera għall-mistrieħ u ftit tal-kura. Fl-1904 irritorna Malta u beda l-ħidma tiegħu ta' saċerdot fil-parroċċa tal-Qrendi. Kien saċerdot impenjat ħafna u bħala Malti bla heda għall-ġid ta' pajjizna. Kien il- missier tal-fqar u l-orfni speċjalment fl-istituti ta' karita' li kellha l-Knisja. F' dan l-istess zmien hu ħabrek sa ma waqqaf u mexxa 'l quddiem l-ewwel soċjeta' religjuza missjunarja Maltija maskili, is- soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl. Miet fis-17 ta' Settembru 1933.

Ir-rabta tal-qaddej ta' Alla mal-Madonna ma tidhirx biss fil-mument tal- għazla tal-vokazzjoni u fil-ħin tal-mewt tiegħu. Il-ħafna priedki li kien jagħmel dwar Marija u li għadhom merfugħin b' għozza mill-MSSP, huma xhieda ta' l-imħabba li kellu lejn l-omm tiegħu. Għalih il-Madonna kienet kontinwament l- Omm tal-Ħniena, Tama tagħna". Lill- membri tas-soċjeta missjunarja tiegħu hu riedhom li jqimu lil Marija bit-Titlu ta' Assunta. Riedhom li l-ulied spiritwali tiegħu jieħdu ħsieb tal bniedem b' mod sħiħ, spiritwalment u materjalment. Tant kien għaziz għall-monsinjur dan il- misteru tal-Madonna li hu kien wieħed minn dawk li speċjalment fl-1931 ħabirku biex minn Malta tinkiteb petizzjoni lill-awtoritajiet tal-Knisja biex l-Assunzjoni ssir domma ta' fidi. Fil-fatt din ix- xewqa nqatghet ftit snin wara.